**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Gunju, 2016

Rikors Kongunt Nru : 165/16 AL

AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv ta' Claire Van Buren u zewgha William Charles Van Buren illi gie ikkonfermat miz-zewg rikorrenti bil-gurament taghhom, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (6.10.2001) f'Malta u z-zwieg taghhom huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 1620/2001. (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A).

Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet huma t-tnejn cittadini ta' Malta u jafu jiktbu u jitkelmu bil-Malti.

Illi matul dan iz-zwieg il-partijiet ghamlu aktar minn erba snin minnhom separate de facto u anke jghixu f'indirizzi separati u minn dak iz-zmien qatt ma regghu irrikonciljaw.

Il-partijet ghandhom is-separazzjoni tal-beni skond kuntratt huwa datat 26 ta' mejju 2014 atti Nutar Patrician Hall.  (Dok B) .

Illi manteniment lejn xulxin mhux il-kaz ghax l-partijiet it-tnejn irrinunzjaw.

Illi l-partijiet ilhom separate de facto ghal aktar minn erba snin u minn dak iz-zmien qatt ma regghu irrikonciljaw.

Illi huma gew awotrizzati jipprocedu ghal kawza ta' divorzju u permezz tad-digriet anness u markat Dok C.

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. tippronunzja l-hall taz-zwieg l gie ccelebrat  fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (6.10.2011)  liema registrat gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 1620/2001;

2. tordna lir-registatur tal-qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi il-partijiet ilhom snin twal de facto separati u ghaddew ukoll mill-procedura tal-medjazzjoni. Huma ghamlu il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni datat 26 ta' Mejju 2014;

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'kawza permezz ta' digriet datat 9 ta' Marzu, 2016 wara illi l-medjazzjoni inghalqet;

Illi ghalhekk il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom snin twal de facto separati;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.